25 ta' Frar, 1956

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

George Attard *versus* Michele Galea

## Danni — Perizja Ġudizzjarja — Perizja "ex parte" — Spejjeż.

*Ma hemmx dubju li perizja "ex parte" ma tistax tiġi meħuda in konsiderazzjoni bħala perizja ġudizzjarja. U fil-każ ta' perizja ġudizzjarja l-Qorti lanqas ma hija obligata toqgħod għall-opinjoni tal-perit minnha stess adoperat kontra l-konvinzjoni tagħha. Għaldaqstant il-Qorti għandha tara jekk hemmx elementi proċesswali li jiskwotu l-konklużjoni tal-perizja ġudizzjarja, u f'każ affermattiv tara jekk ikunx il-każ li, biex jiġu evitati spejjeż ta' perizja oħra, il-Qorti tagħmel użu mill-arbitriju prudenzjali tagħha; u fost dawn l-elementi proċesswali hemm, mhux bħala perizja, imma bħala kontroll tal-istima ġudizzjarja u bħala gwida għall-arbitriju prudenzjali, ix-xhieda tal-espert adoperat "ex parte", flimkien ma' elementi oħra.*

*Kwantu għall-ispejjeż tal-perizja "ex parte", ma jistax jingħad li dina l-ispiża mhix rifondibbli bħala danni lill-parti danneġġjata semplicement u fuq ir-riljev biss li hija perizja "ex parte". Jekk l-istima tal-perit "ex parte" tirriżulta li kienet leġittima u mhux kapriċċjuża, u dan minħabba l-fatt dannuż tad-danneġġjant, jista' jkun hemm lok, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, għar-rifużjoni tagħha lill-parti danneġġjata u għall-inklużjoni tagħha fid-danni dovuti lil dina l-parti. Bħal ma ġara f'dan il-każ.*

Il-Qorti;— Rat id-domanda ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut li jħallsu £5. 10. 0, in kwantu għal £4 għal riżarċiment ta' danni kaġunati fl-għalqa "ta' Wied Għomor", limiti ta' Birkirkara, u fl-uċuħ u l-prodotti fl-istess għalqa, u dana ħtija tiegħu, u kwantu għal £1. 10. 0 mħallsa mill-attur lill-espert Emmanuele Magro biex jara u jistma dawn id-danni — dokumenti A u B annessi ma' l-avviż. Bl-ispejjeż, kompriżi 3s. ta' ittra interpellatorja;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 1956, li biha laqgħet it-talba limitament għal £2. 5. 0 u rrespingietha għall-bilanċ, u ordnat li l-ispejjeż jithallsu ¾ mil-konvenut u ¼ mill-attur; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi, kwantu għall-onorarju ta' l-espert inkarigat mill-attur, din kienet perizja "ex parte", li saret mingħajr il-kunsens tal-konvenut, u għalhekk l-attur ma jistax jirrepeti l-ispejjeż tagħha, lanqas bħala danni;

Illi l-periti llikwidaw id-danni għas-somma ta' £2. 5. 0;

*Omissis;*

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-konvenut appella, u talab li d-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi revokata; bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet u r-risposta tal-attur fol. 43, li biha talab li l-appell jiġi respint, u appella inċidentalment fis-sens li t-talba oriġinali għandha tiġi milqugħa "in toto"; bl-ispejjeż kollha:

Trattati ż-żewġ appelli;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-appell inċindentali tal-attur;

L-attur talab £5. 10. 0, ċjoè £4 danni materjali kaġunati fl-għalqa tiegħu mill-konvenut, u £1. 10. 0 ħlas tal-espert agrikolu nkarikat;

Il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza adottat il-konklużjonijiet tal-perizja minnha kostitwita kwantu għad-danni materjali tal-għalqa, u tat lill-attur £2. 5. 0 biss, u eskludiet is-somma ta' £1. 11. 0, għax din kienet spiża ta' perizja "ex parte";

L-espert agrikolu li sejjaħ l-attur, ċjoè Emmanuele Magro (persuna li, kif inhu notorju, spiss tiġi nominata mill-Qorti bħala perit), stama l-ħsara materjali fl-għalqa £4 (ara stima tiegħu fol. 3); u fuqha qagħad l-attur meta ntavola l-kawża;

Issa, ma hemmx dubju li l-perizja "ex parte" ma tistax tiġi meħuda in konsiderazzjoni bħala perizja ġudizzjarja: Iżda l-kwistjoni għandha tiġi rigwardata minn aspett ieħor aktar ġust;

Ġie deċiż minn din il-Qorti, sedenti allura l-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, in re "Abela vs. Galea Naudi", 14 ta' Frar 1925, illi: — "La corte non è astretta a conformarsi al parere del perito contro la propria convinzione, ed in caso analogo questa Corte, in re "Tonna vs. Balluti", *decisa il 3 Giugno 1859, ritenne* che in vista delle particolari circostanze del caso vi era luogo all'applicazione dell'arbitrio del Giudice......";

Għalhekk il-Qorti għandha teżamina s-sottomissjoni tal-attur, li jgħid li hemm elementi proċesswali li jiskwotu l-konklużjoni tal-perizja ġudizzjarja, u tara, f'każ affermattiv, jekk, *biex jiġu evitati spejjeż ta' perizja oħra,* minħabba t-tenwità tal-valur involut, hux il-każ li s-somma tiġi fissata bl-arbitriju prudenzjali tal-ġudikant. Fost dawn l-elementi hemm, mhux bħala perizja, imma bħala element probatorju ta' kontroll tal-istima ġuddizzjarja, u bħala gwida għall-arbitriju diskrezzjonali, ix-xhieda ta' Emmanuele *Magro flimkien ma' elementi* oħra;

Issa, fil-każ preżenti, il-Qorti tirrileva dan li ġej: —

1. Il-perit ġudizzjarju għamel aċċess "in situ" meta "l-ħsara ma kienetx aktar viżibbli", għaliex kien għadda ħafna żmien. Difatti, mentri Magro mar jara l-ħsara fil-25 ta' April 1955, il-perit ġudizzjarju mar seba' xhur wara, fit-22 ta' *Novembru 1955......;*

2. Il-perit ġudizzjarju ta lill-attur £2. 5. 0 tal-ħsara... Minn dan jiġi li, anki apparti l-ħsara fil-ħajt u fil-borġ tal-ġebel, is-somma akkordata mill-perit ġudizzjarju kienet żgur nieqsa;

3. Ma jidherx illi l-perit ġudizzjarju ħa in kalkolu d-dannu konsistenti filli l-ġebel, *imxerred l-hawn u l-hemm,* kollu jiġi mneħħi, u t-tneħħija tiegħu timporta xogħol li għandu jitqies fil-ħsara riżarċibbli;

4. Ma tidhirx bażata l-perizja ġudizzjarja filli qalet li ma jistax jingħad il-borġ tal-ġebel biex waqa' ........;

5. Hu wkoll sewwa r-riljev f'dik in-nota li l-kalkolu li fuqu qagħad *l-espert ġudizzjarju kien fallaċi* ........;

Għalhekk il-Qorti, in vista ta' dawn ir-raġunijiet, ma jidhrilhiex li kwantu għall-ħsara materjali fl-għalqa tista' ta-

dotta l-konklużjoni tal-perizja ġudizzjarja; u għaldaqstant, kif ingħad, biex jiġu evitati spejjeż ta' perizja oħra, li minbarra hekk, anki kieku kellha tiġi kostitwita, kienet tinkontra l-istess diffikultà tal-kambjament ta' l-istat ta' l-affarijiet, hemm lok ta' l-eżerċizzju tad-diskretiva tal-Qorti;

L-Imħallef sedenti jaħseb li jkun ġust jekk tiġi fissata għad-danni materjali fl-għalqa s-somma ta' £3. 10. 0, ċjoè £2. 10. 0 għall-prodotti, u £1 għall-ħsara fil-ħajt, fil-borġ u għax-xogħol tal-ġbir tal-ġebel. In kwantu għall-ħlas ta' l-espert Magro, mitlub fl-avviż £1. 10. 0, lanqas tista' l-kwistjoni relattiva tiġi eliminata bir-riljev biss li dan il-ħlas kien ta' perizja "ex parte";

Minn jagħmel ħsara, li għaliha hu tenut bl-azzjoni akwiljana, hu anki tenut, "inter alia", għall-ispejjeż li d-danneġġjat jinkorri "minħabba dik il-ħsara"; u dan b'liġi espressa. Basta li l-ispiża tkun leġittima, u mhux kapriċċuża. L-attur kellu jagħmel dik l-ispiża minħabba l-fatt illeċitu tal-konvenut. Jirriżulta wkoll mill-provi li hu, diversi drabi, sejjaħ lill-konvenut biex jirranġa; iżda dan baqa' jillużingah. Meta l-attur talbu £6 tal-ħsara, il-konvenut offrielu £1. L-attur mbgħad qallu li kien sejjer iqabbad perit biex jistma l-ħsara. Il-konvenut seta', almenu allura, jara x'jagħmel biex jillikwida l-pendenza; inveċe kompla ma għamel xejn. L-attur kellu bżonn iqabbad perit biex jista' jirregola ruħu fit-talba, molto pjù li l-konvenut kien offra £1 biss. Dippjù, l-inkariku mogħti lil Magro kien utili anki għad-definizzjoni tal-kawża, għaliex, kif ingħad, per mezz tax-xhieda tiegħu (apparti l-istima) kien possibbli li l-ġudikant jista' jkollu quddiemu l-pożizzjoni "re adhuc integra", u mhux meta l-affarijiet tbiddlu. Mhux l-ewwel darba (biex wieħed isemmi każ analogu) li l-Qrati Tagħna taw bħala danni l-ħlas ta' konsulent legali jekk l-inkariku ta' dan kien kawżat mil-fatt illeċitu (ara Vol. XXV, P.I., pp. 1129 u 1133). Meta l-attur qal lill-konvenut li kien sejjer iqabbad perit, il-konvenut ma nteressa ruħu xejn biex jikkontrolla l-perizja, kif seta' għamel, għax l-attur ried jirranġa, u kien ilu jieħu paċenzja bil-ġebel li kien jiġi mill-esplożjonijiet magħmula kontra l-liġi mill-konvenut, li għa-

lihom, kif jidher mill-provi, ġie kundannat mit-tribunal kriminali. Għalhekk, bhala spiża leġittima nkorsa mill-attur minħabba l-fatt dannuż, dik is-somma fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ hi dovuta;

B'kollox, għalhekk, hi dovuta s-somma ta' £5;

Kwantu għall-appell prinċipali tal-konvenut;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra tiegħu;

Billi tilqa' l-appell inċidentali ta' l-attur fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, u tagħti lill-attur is-somma ta' £5 bhala sorte; l-ispejjeż ta' l-appell inċidentali jitħallsu kwantu għal għaxar parti minn ħdax (10/11) mill-konvenut, u kwantu għal parti minn ħdax (1/11) mill-attur;

L-ispejjeż ta' lewwel istanza jitħallsu wkoll fil-proporzjoni ta' għaxar undeċimi l-konvenut u undeċimu wieħed l-attur.